



Brussell, 17 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0140(COD)

11787/23
ADD 1

CODEC 1355
INDEF 38
COPS 391
POLMIL 199
IND 385
MAP 38
COMPET 753

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirrikonoxxu l-urġenza tal-ħtieġa li tiġi meġġjuna l-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea (EDTIB) biex tiżdied il-produzzjoni fil-kuntest tal-isfidi maħluqa mill-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jfakkru li r-Regolament dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) jipprovdi rispons immedjat għal dik il-ħtieġa urġenti billi jistabbilixxi strument temporanju ġdid li jiffaċilita investimenti industrijali.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jisħqu fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati l-miżuri xierqa kollha biex tissaħħaħ u tiġi żviluppata l-EDTIB, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u biex jitneħħew l-ostakli u restrizzjonijiet sabiex l-industrija tkun tista' tipproduċi aktar tul il-ktajjen tal-valur.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għalhekk jappellaw lill-Kummissjoni tikkunsidra, kif xieraq, li tressaq malajr kemm jista' jkun kwalunkwe inizjattiva ulterjuri meħtieġa biex issaħħaħ l-EDTIB, inkluż finanzjament adegwat, pereżempju fil-kuntest tal-Programm Ewropew għall-Investment fil-Qasam tad-Difiża, kif ukoll qafas legali mmirat biex jiżgura s-sigurtà tal-provvista u jappoġġa l-produzzjoni tal-munizzjon.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li jeżaminaw kwalunkwe inizjattiva bħal din mingħajr dewmien u fi spirtu ta' kooperazzjoni sinċiera reċiproka.
